Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 388/2017

Il-Pulizja

Spettur Nikolai Sant

Vs

Mohammed Abdulmajed Abungab

Ahmed Abdualsalum Alsahly

Illum,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Mohammed Abdulmajed Abungab, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 118037A, u Ahmed Abdualsalum Alsahly, detentur tal-passaport numru 585180, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Nhar it-2 ta' Settembru, 2017, bejn 04:45 *hrs* u 05:15 *hrs* minn Triq il-Gogi, Swieqi:
>
> 1. Ikkommettew serq ta' tletin Ewro fi flus kontanti, zewg *credit cards*, *wallet* tad-ditta *CK*, licenzja tas-sewqan, u zewg karti tal-identita (Portugal u Brazil), liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-vjolenza ghad-dannu ta' Lucas Monson Ferreira u/jew persuna/i ohra;
>
> 2. Ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lucas Monson Ferreira, skond kif iccertifikat Dr. Elizabeth Muscat M.D., Med. Reg. No 4148, mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

**U fl-ahharnett nakkuza lil Mohammed Abdulmajed Abungab wahdu:**

> 3. Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. N. Galea Sciberras LL.D., nhar id-19 ta' Novembru, 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;
>
> 4. Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' *probation*, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D., nhar il-11 ta' Gunju, 2015, liema sentenza ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Settembru, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom u kkundannathom ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

*Ai termini* tal-Artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija *ai termini* tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat ukoll il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-persuna protetta kienet Lucas Monson Ferreira.

*Ai termini* tal-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat li din is-sentenza flimkien mal-atti tal-proceduri gew mghoddija lill-Avukat Generali *ai termini* tal-Ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett u tghaddi sabiex taghti sentenza skond il-ligi, jew, alternattivament u f'kaz li din it-talba tigi michuda, tirriforma s-sentenza appellata

billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom mill-Prosekuzzjoni, u thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tal-piena erogata fil-konfront taz-zewg appellati, billi minflok il-piena nflitta tinfliggi piena idoneja u gusta skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w *cioe'*:-

> Illi **l-ewwel aggravju tal-appellant** huwa bbazat fuq il-fatt illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati hija nulla *in vista* illi l-procedura stipulata *ai termini* tal-artikolu 401 (3) tal-Kodici Kriminali ma gietx segwita.
>
> Illi l-artikolu 401 tal-Kodici Kriminali jistipula illi:
>
> > *401. (1) Il-kompilazzjoni ghandha tinghalaq fi zmien xahar, illi, ghal raguni tajba, jista' jigi mgedded mill-President ta' Malta ghal perijodi ohra kull wiehed minnhom ta' xahar, u kull tigdid bhal dan ghandu jsir fuq talba bil-miktub maghmula mill-Qorti:*
> >
> > *Izda z-zmien fuq imsemmi m'ghandux b'kollox jigi hekk imgedded ghal aktar minn tliet xhur:*
> >
> > *Izda wkoll kemm –il darba ma jkunx inghata l-helsien mill-arrest, l-akkuzat ghandu jingieb quddiem il-Qorti ghall-anqas darba kull hmistax –il gurnata sabiex il-Qorti tiddeciedi jekk ghandux jibqa arrestat.*
> >
> > *(2) Meta tinghalaq il-kompilazzjoni, l-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Fl-ewwel kaz, il-Qorti tibghat l-imputat biex jitqieghed taht dak l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni kaz, tordna l-liberazzjoni tieghu.*
> >
> > *(3)* ***Fil-kaz il-wiehed u l-iehor, <u>il-Qorti tordna li l-atti tal-kompilazzjoni</u> flimkien mal-oggetti li jkollhom x'jaqsmu mad-delitt <u>jigu mibghuta fi zmien tlett ijiem tax-xoghol lill-Avukat Generali.</u>***
> >
> > *(3A) Meta l-Qorti tqieghed lill-imputat taht att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali, l-Qorti ghandha, minbarra li taghti l-ordni msemmija fis-subartikolu (3), taggorna l-kaz ghal data ohra, li tkun data mhux aktar kmieni minn xahar izda mhux aktar tard minn sitt gimghat mid-data tal-aggornament.*
>
> Illi, fil-kaz odjern, il-Qorti tal-Magistrati ghalqet il-kompilazzjoni *ai termini* tas-sub – artikolu 401 (1) tal-Kodici Kriminali u baghtet l-appellati biex jitqieghdu taht att t'akkuza quddiem il-Qorti Kriminali *ai termini* tas-sub – artikolu 401 (2) tal-Kodici Kriminali. Izda naqset milli tordna li l-atti tal-kompilazzjoni jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien tlett ijiem tax-xoghol *ai termini* tas-sub – artikolu 401 (3) tal-Kodici Kriminali. Fil-fatt, fil-verbal tal-14 ta' Settembru, 2017, hemm indikat is-segwenti:
>
> > ...
> >
> > *Xehed bil-gurament: L-Ispettur Nikolai Sant.*

*Kontro – ezami riservat.*

*Inghata digriet tal-Prima Facie.*

*Il-kawza differita ghat-28 ta' Settembru, 2017 fid-09:00am.*

*L-imputati qed jigu notifikati fl-awla bid-data tad-differiment li jmiss.*

*In vista* ta' dak li hemm stipulat fl-artikolu 401 (3) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx tkompli billi tiddeferixxi l-kawza minghajr ma tibghat l-atti tal-kompilazzjoni lill-Avukat Generali. Illi fl-umli fehma tal-appellant, il-fatt li l-Qorti ma ghamlitx dak illi b'mod tassattiv kellha taghmel u *cioe'* li tibghat l-atti tal-kompilazzjoni lill-Avukat Generali wara li l-Qorti baghtet lill-appellati biex jitqieghdu taht att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali, issarraf f'nullita tal-procedura. Ghaldaqstant, dak kollu li sehh wara li l-Qorti tal-Magistrati naqset li tibghat l-atti tal-kompilazzjoni wara li tat id-digriet *prima facie* huwa wiehed null.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju tal-appellant huwa bbazat fuq il-fatt illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet fuq premessi moghtija fit-28 ta' Settembru, 2017, hija nulla u dan *stante* illi ghalkemm il-Qorti sabet l-appellati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom, hija naqset milli ticcita l-artikoli kollha tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati li taghhom l-appellati nstabu hatja.

Illi f'tali cirkostanzi, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi:

> *Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u* ***ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.***

Illi *in oltre*, skond il-gurisprudenza nostrana, n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jimporta n-nullita tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, f'liema kaz, jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata.

Illi subbordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, **it-tielet aggravju tal-appellant** huwa msejjes fuq il-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati erogat piena illi fil-kwantita taghha hija differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reati li dwarhom l-appellat Mohammed Abdulmajed Abungab instab hati fuq ammissjoni tieghu. Dan qieghed jinghad *stante* illi l-Qorti tal-Magistrati mponiet sentenza sospiza fuq l-appellat Mohammed Abdulmajed Abungab meta dan instab hati talli kiser liberta' kondizzjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, preseduta mill-Magistrat Dr. N. Galea Sciberras LL.D., nhar id-19 ta' Novembru, 2014, kif ukoll ordni ta' *probation* moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D., nhar il-11 ta' Gunju, 2015.

Illi l-artikolu 28A (7) (c) tal-Kodici Kriminali specifikament jistipula illi:

*(7) Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1)[2] ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin;*

……….

**(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' *probation* jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni** skond l-Att dwar il-*Probation*.

Illi *stante* illi l-appellat Mohammed Abdulmajed Abungab ammetta u konsegwentament instab hati li kiser liberta kondizzjonata kif ukoll ordni ta' *probation* b'kull dovut rispett, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt legalment tinfliggi piena ta' prigunerija sospiza *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u dan *in vista* tal-eskluzzjoni carissima u inekwivoka ta' sentenza sospiza f'cirkostanzi bhal dak li jinsab fihom l-appellat Mohammed Abdulmajed Abungab, hekk kif stipulat fis-sub – artikolu 28A (7) (c) tal-Kodici Kriminali surreferit.

Illi fir-rigward tal-appellat Ahmed Abdualsalm Alsahly, l-appellant jirrileva illi *stante* illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati naqset milli tindika dawk l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom instabu hatja l-appellati, l-appellant jinsab fl-impossibilita li jiddetermina jekk il-piena erogata fil-konfront ta' Ahmed Abdualsalm Alsahly hijiex wahda fil-parametri tal-ligi. Dan qieghed jinghad *stante* illi fir-**rigward tal-ewwel imputazzjoni biss**, f'kaz li l-Qorti tal-Magistrati sabitu hati taht l-artikolu 277 (a) b'referenza ghall-artikolu 274 (c) tal-Kodici Kriminali, l-minimu li l-Qorti setghet timponi kienet piena ta' prigunerija ghal tlett snin. F'kaz li l-Qorti sabitu hati taht l-artikolu 277 (a) b'referenza ghall-artikolu 274 (d) tal-Kodici Kriminali, l-minimu li l-Qorti setghet timponi kienet piena ta' prigunerija ghal sentejn.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija limitata ghall-ewwel aggravju imqanqal mill-Avukat Generali fejn iqajjem il-pregudizzjali dwar in-nullita tas-sentenza appellata u dan ghaliex l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-kompetenza bil-ligi sabiex tghaddi ghad-decizjoni in vista tal-fatt illi kienet qed tisma' l-kawza fil-vesti taghha bhala Qorti Istruttorja u mhux dik ta' Gudikatura Kriminali.

Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta illi iz-zewg appellati tressqu bl-arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u dan fit-03 ta' Settembru 2017 fejn wara li sar l-ezami fit-termini tal-artikoli 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali, l-appellati wiegbu li ma

kienux hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom u ghalhekk l-Qorti ghaddiet ghas-smigh tal-kumpilazzjoni. Din bdiet fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2017 fejn il-Qorti bdiet tisma' xi provi. F'dik l-istess seduta billi dehrilha li kien hemm bizzejjed provi in atti sabiex l-appellati jitqieghdu taht att tal-akkuza, inghata id-digriet *prima facie* mill-Qorti Istruttorja, b'dan madanakollu illi ghal xi raguni l-atti ma gewx rinvijati lill-Avukat Generali fit-termini tal-artikolu 400(1) tal-Kodici Kriminali, izda l-Qorti iddifferiet il-kawza ghat-28 ta' Settembru 2017, f'liema seduta l-appellati ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom u l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza meta ma kellhiex il-kompetenza sabiex taghmel dan.

Illi allura l-Avukat Generali ghandu ragun fil-lanjanza minnu ventilata b'dan illi din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra li tannulla s-sentenza appellata u tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja sabiex tissokta bil-kumpilazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju imqajjem mill-Avukat Generali, tghaddi ghalhekk biex tiddikjara is-sentenza appellata bhala nulla u bla effett fil-ligi u wara li rat l-artikolu 428(1) tal-Kodici Kriminali tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja sabiex hemmhekk tissokta il-kumpilazzjoni fil-konfront taz-zewg appellati.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur